

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.3.2009  
KUMM(2009)102 finali

2009/0033 (CNS)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jissorvelja l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-għan ewlieni tar-Regolament propost hu li jkun stabbilit qafas legali biex tiġi valutata l-applikazzjoni korretta ta' daww l-elementi tal-*acquis* ta' Schengen li jagħmlu parti mil-liġi Komunitarja. Din tmur mal-proposta għal Regolament dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jivverifika l-applikazzjoni korretta ta' daww l-elementi tal-*acquis* ta' Schengen li jagħmlu parti mil-liġi Komunitarja. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni doppja hu mfassal biex ikattar il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom biex japplikaw b'mod effettiv u effiċjenti l-miżuri li jakkumpanjaw li jippermettu l-ħolqien ta' żona mingħajr fruntieri.

L-għanijiet ġenerali tal-mekkaniżmu l-ġdid għandhom ikunu biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni trasparenti, effettiva u konsistenti tal-*acquis* ta' Schengen, li tirrifletti wkoll it-tibdiliet fis-sitwazzjoni legali wara l-integrazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

- **Il-Kuntest ġenerali**

Iż-żona mingħajr fruntieri interni kif stabbilita mill-*acquis* ta' Schengen — iż-żona Schengen — ġiet żviluppata f'qafas intergovernattiv fl-aħħar tas-snin 80 u fil-bidu tas-snin 90 mill-Istati Membri li riedu jneħħu l-kontrolli mal-fruntieri interni u jimplimentaw il-miżuri li jakkumpanjaw f'dan ir-rigward, bħal ma huma r-regoli komuni għall-kontrolli mal-fruntieri esterni, politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija u t-twaqqif tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS). Ma kienx possibbli li jitneħħew il-kontrolli interni fil-qafas Komunitarju, peress li l-Istati Membri ma setgħux jaqblu fuq il-bżonn li dawn jitneħħew sabiex jintlaħaq l-għan tal-moviment ħieles tal-persuni (l-Artikolu 14 tat-Trattat KE). Madankollu, matul is-snin l-Istati Membri kollha ta' dak iż-żmien issieħbu fiż-żona ta' Schengen, minbarra r-Renju Unit u l-Irlanda.

L-*acquis* ta' Schengen sar parti mill-qafas tal-Unjoni Ewropea fl-1999 bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam<sup>1</sup>.

Iż-żona ta' Schengen hi bbażata fuq fiċċudja reċiproka sħiħa bejn l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom li jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri li jakkumpanjawhom li jippermettu li jitwaqqfu l-kontrolli mal-fruntieri interni: eż. spezzjonijiet mal-fruntieri interni jitwettqu mill-Istati Membri mhux biss biex jiproteġu l-interessi tagħhom stess iżda wkoll f'isem l-Istati Membri l-oħra li fihom il-persuni jkunu jistgħu jivvjaġġaw ladarba jkunu qasmu l-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen.

---

<sup>1</sup> Għal dan il-għan kien meħtieġ li jiġi definit l-*acquis* ta' Schengen (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/435/KE, ĠU L 176 tal-10.7.1999, p. 1) u tkun determinata l-bażi legali fit-Trattati għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet jew deċiżjonijiet li jikkostitwixxu dan l-*acquis* (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/KE, ĠU L 176 tal-10.7.1999, p. 17). Kull dispożizzjoni tal-*acquis* irċeviet bażi legali taħt l-ewwel u t-tielet pilastru. Daww id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li għalihom l-ebda bażi legali ma tista' tiġi ddeterminata (jiġifieri d-dispożizzjoni tas-SIS) kienu kkunsidrati li huma parti mit-tielet pilastru. Il-modifiki kollha ta' dan l-*acquis* irid ikollhom bażi legali xierqa taħt it-Trattati.

Sabiex tiġi akkwistata u kkonservata din il-fiduċja reċiproka, fl-1998 l-Istati Membri ta' Schengen waqqfu Kumitat Permanenti. Il-mandat tiegħu hu stabbilit f'deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 def) u jikkonsisti f'żewġ kompiti separati:

1. Verifika dwar jekk il-prekundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen (jiġifieri t-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri) ikunux ġew sodisfatti mill-Istati Membri li jridu jissieħbu f'Schengen ('id-dħul fis-seħħ/l-applikazzjoni');
2. Verifika li l-*acquis* ta' Schengen qed ikun applikat b'mod korrett mill-Istati Membri li qed jimplementaw l-*acquis* ('l-implimentazzjoni').

B'hekk Schengen tagħmel distinzjoni bejn 'id-dħul fis-seħħ' u 'l-implimentazzjoni'. Għaldaqstant, l-ewwel nett, l-ispezzjonijiet iridu jsiru biex jiġi ddeterminat jekk ikunux issodisfatti l-kundizzjonijiet għall-fiduċja reċiproka qabel ma jidħol fis-seħħ l-*acquis*. It-tieni nett, il-fiduċja reċiproka trid tinżamm billi tiġi spezzjonata l-implimentazzjoni korretta tal-*acquis*. Fil-fażi intergovernattiva ta' Schengen, kienu meħtieġa dispożizzjonijiet speċifiċi biex tkun verifikata l-implimentazzjoni korretta.

L-*acquis* ta' Schengen kien integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma kien innegożjat mill-ġdid. Il-Kumitat Permanenti u l-mandat tiegħu tal-1998 għaldaqstant bdew jiffunzjonaw mingħajr tibdiliet, ħlief li fil-Kunsill il-Kumitat Permanenti sar il-Grupp ta' Ħidma tal-Evalwazzjoni ta' Schengen (SCH-EVAL) Dan kien permezz tal-Artikolu 66 tat-Trattat tal-KE u l-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat tal-UE, peress li l-*acquis* ta' Schengen ikopri kemm l-ewwel pilastru ta' miżuri kif ukoll it-tielet.

Minħabba l-bażi intergovenattiva tagħha, l-evalwazzjoni ta' Schengen kienet u għadha kollha kemm hi f'idejn l-Istati Membri, bil-Kummissjoni tiegħu sehem b'halha osservatur. Dan ikompli jkun approċċ loġiku għall-ewwel parti tal-mandat, peress li ma hemm xejn simili fl-*acquis* tal-UE/Ġustizzja u Affarijiet Interni b'distinzjoni bejn 'tiddaħħal fis-seħħ' u 'l-implimentazzjoni'. Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet għat-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni u l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen għat-tkabbir tal-2004 u tal-2007 kienet stipulata fit-trattati tal-adeżjoni, b'hekk kienet liġi primarja. L-Atti dwar l-Adeżjoni pprovdew għal Deċiżjoni tal-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew. Ma hemm l-ebda dritt ta' inizjattiva previst għall-Kummissjoni.

Madankollu, l-approċċ hu inqas loġiku għat-tieni parti tal-mandat, speċjalment safejn jikkonċerna l-ewwel pilastru. B'hekk diġà sa mill-mument tal-integrazzjoni tal-*acquis*, il-Kummissjoni kienet ħarġet dikjarazzjoni li tistqarr li 'tikkunsidra li l-integrazzjoni fil-qafas tal-Unjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li jistabbilixxi Kumitat Permanenti għall-Konvenzjoni Implimentattiva ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 Def of 16.9.1998) ma taffettwa bl-ebda mod is-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati u b'mod partikolari mir-responsabbiltà tagħha b'halha l-gwardjana tat-Trattati'.

Peress li hi fundamentali għall-Istati Membri li qabel tidħol fis-seħħ issir evalwazzjoni sabiex tinkiseb fiduċja reċiproka, tidher raġonevoli li din tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Barra minn hekk, meta Stat Membru ma jsegwix ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru, ma tkun tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni biex jitneħħew il-kontrolli mal-fruntieri interni, li b'hekk hu ta' 'inċentiv' effettiv għall-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-*acquis*. Il-Kummissjoni għandha tkompli tipparteċipa b'mod sħiħ b'halha osservatur f'dawn l-evalwazzjonijiet.

- Il-ħtieġa li tkun imtejba l-valutazzjoni tal-applikazzjoni korretta tal-*acquis*

Il-Programm tal-Aja tal-2004 jistieden lill-Kummissjoni *‘biex malli t-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni tkun kompluta, tissottometti proposta li tissupplimenta l-mekkaniżmu ta’ valutazzjoni eżistenti ta’ Schengen b’mekkaniżmu ta’ sorveljanza, li jiżgura l-involviment sħiħ tal-esperti tal-Istati Membri, u li jkun jinkludi spezzjonijiet li ma jkunux imħabbra’*.

Sa mill-1999, kien hemm diversi diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni dwar kif il-mekkaniżmu ta’ valutazzjoni ta’ Schengen isir aktar effiċjenti, b’mod partikolari dwar it-tieni parti tal-mandat, l-aktar tal-verifika tal-applikazzjoni korretta tal-*acquis* wara li jitneħħew il-kontrolli interni. Ġew identifikati n-nuqqasijiet prinċipali li ġejjin:

- (1) Il-metodoloġija attwali għall-valutazzjoni tal-mekkaniżmu mhix adegwata Ir-regoli dwar il-konsistenza u l-frekwenza tal-valutazzjonijiet mhumiex ċari. Ma hemmx prassi dwar kif jitwettqu żjarat mhux imħabbra fuq il-post
- (2) Hemm il-ħtieġa li tkun żviluppata metodoloġija għat-tqegħid tal-prijoritajiet li jkunu bbażati fuq l-analiżi tar-riskju.
- (3) Trid tiġi żgurata b’mod konsistenti kwalità għolja ta’ esperti matul l-eżerċizzju ta’ valutazzjoni. L-esperti li qed jipparteċipaw fil-valutazzjoni għandu jkollhom livell għoli ta’ għarfien legali u esperjenza Prattika. Jekk jintbagħat espert minn kull Stat Membru f’kull żjara fuq il-post din tista’ tkun ta’ detriment għall-effiċjenza tal-eżerċizzju Għandu jiġi ddeterminat għadd xieraq ta’ esperti biex jieħdu sehem fiż-żjarat fuq il-post.
- (4) Jeħtieġ li jittejjeb il-mekkaniżmu ta’ wara l-evalwazzjoni għall-valutazzjoni tas-segwitu li jkun ingħata għar-rakkomandazzjonijiet wara ż-żjarat fuq il-post, peress li l-miżuri li jittieħdu biex jirrimedjaw n-nuqqasijiet kif ukoll il-perjodi li fih iridu jiġu rrimedjati, ivarja minn Stat Membru għall-ieħor.
- (5) Ir-responsabbiltà istituzzjonali tal-Kummissjoni bħala gwardjana tat-Trattat dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ewwel pilastru mhumiex riflessi fis-sistema ta’ evalwazzjoni attwali.

Il-punti segwenti huma intiżi biex jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet:

## **Il-Metodoloġija għall-evalwazzjonijiet**

Il-proposta preżenti tintroduċi pprogrammar ċar, li jipprovdi għal programmi multiannwali u annwali ta’ żjarat fuq il-post li jkunu mħabbra. L-Istati Membri se jkomplu jiġu evalwati fuq bażi regolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-*acquis*. Il-partijiet kollha tal-*acquis* ta’ Schengen li għandhom il-bażi legali tagħhom fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistgħu jkunu soġġetti għall-evalwazzjoni.

Din l-evalwazzjoni tista’ tkun ibbażata fuq tweġibiet għall-kwestjonarji, żjarat fuq il-post jew kombinazzjoni tat-tnejn li huma. Fil-każ tal-aħħar, iż-żjarat jistgħu jsiru ffit wara li jkunu ġew irċevuti t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

Fis-snin riċenti, l-Istati Membri għadhom ma rawx il-ħtieġa li jwettqu evalwazzjonijiet fuq il-post fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizjarja fi kwistjonijiet kriminali jew ta’ drogi. Il-protezzjoni tad-dejta ma kinitx dejjem soġġetta għall-evalwazzjonijiet fuq il-post.

Madankollu, żjarat fuq il-post mhumie x limitati għall-fruntieri esterni u viżi u jistgħu jkopru l-partijiet kollha tal-*acquis* ta' Schengen, inkluż id-dispożizzjonijiet għat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Madankollu, fir-rigward tal-armi, ta' min jinnota li meta l-*acquis* ġie integrat fi ħdan il-qafas tal-UE d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-*acquis* ta' Schengen ġew sostitwiti bid-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi<sup>2</sup>. Il-verifika tat-traspożizzjoni korretta ta' din id-Direttiva nġatat lill-Kummissjoni skont it-Trattat tal-KE. Billi l-Istati Membri qatt ma kellhom il-ħtieġa li jwettqu evalwazzjonijiet fuq il-post, m'hemmx bżonn li tiġi inkluża l-verifika tat-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva f'din il-proposta.

Il-ħtieġa konkreta għal dawn iż-żjarat fuq il-post għandha tkun determinata mill-Kummissjoni wara li tieħu l-parir tal-Istati Membri, meta jitqisu t-tibdiliet fil-leġislazzjoni, il-proċeduri jew l-organizzazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat kif ukoll l-analiżi tar-riskju pprovdut mill-Frontex fir-rigward tal-fruntieri esterni u l-viżi.

Barra minn hekk, jistgħu jiġu inklużi fil-programm annwali, evalwazzjonijiet tematiċi jew reġjonali.

Minbarra dawn l-evalwazzjonijiet regolari, jistgħu jsiru żjarat fuq il-post mhux imħabbra abbażi tal-analiżi tar-riskju pprovdut minn Frontex jew kwalunkwe sors ieħor li jindika l-ħtieġa li ssir żjara mhux imħabbra.

Kemm il-programmi multiannwali kif ukoll daw k annwali jistgħu jiġu adattati jekk ikun hemm bżonn.

### **L-Esperti tal-Istati Membri**

L-esperti tal-Istati Membri huma involuti wkoll fil-verifika tal-applikazzjoni korretta f'oqsma oħra tal-Liġi Komunitarja, pereżempju s-sigurtà fl-avjazzjoni u s-sigurtà marittima. Peress li l-implimentazzjoni korretta tal-miżuri li jakkumpanjaw li jippermettu t-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni hi ta' importanza funadamentali għas-sigurtà interna tal-Istati Membri, l-esperti tal-Istati Membri jibqgħu jkollhom rwol importanti fil-proċess ta' evalwazzjoni. Huma jipparteċipaw kemm fi żjarat imħabbra kif ukoll daw k mhux imħabbra u jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-programmi ta' evalwazzjoni multiannwali u annwali.

Sabiex ikunu garantiti esperti ta' livell għoli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti jkollhom kwalifiki xierqa, inkluż għarfien teoretiku solidu u esperjenza Prattika fl-oqsma koperti minn din l-evalwazzjoni, kif ukoll għarfien sod tal-prinċipji għal żjarat fuq il-post, proċeduri u tekniki.

Għandu jingħata taħriġ xieraq mill-korpi rilevanti (pereżempju Frontex) u l-fondi għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri għal inizjattivi mmirati lejn taħriġ speċifiku fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen (pereżempju permezz tal-inklużjoni ta' taħriġ fil-prijoritajiet għal azzjonijiet tal-Komunità adottati skont ir-regoli stabbiliti mill-Fond għall-Fruntieri Esterni)<sup>3</sup>.

Minħabba l-bżonn li jitnaqqas l-għadd tal-esperti li jipparteċipaw sabiex tkun żgurata evalwazzjoni effiċjenti fuq il-post, l-għadd ta' esperti li jipparteċipaw fiż-żjara għandu jiġi llimitat għal tmienja. Minħabba li jista' jkun iktar diffiċli li esperti jkunu disponibbli fi żmien

---

<sup>2</sup> ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51.

<sup>3</sup> ĠU L 144, 6.6.2007, p.22.

qasir għal żjarat mhux imħabbra, l-għadd ta' esperti li jipparteċipaw f'dan it-tip ta' żjarat għandu jkun limitat għal sitta.

L-implimentazzjoni korretta ta' miżuri biex jiġi żgurat il-moviment ħieles ta' persuni skont l-Artikolu 14 tat-Trattat tal-KE ma jaffettwax is-sigurtà interna tal-Istati Membri l-oħra, għalhekk l-evalwazzjoni tat-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri interni tista' tingħata kollha lill-Kummissjoni. Ta' min jinnota li l-verifika tat-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri interni m'hiiex koperta mill-mandat intergovernattiv.

### **Segwitu tal-evalwazzjoni**

Sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv in-nuqqasijiet u d-difetti identifikati, il-konklużjonijiet tar-rapport għandhom jiġu assenjati għal wieħed mit-tliet kategoriji. Fi żmien għaliġ, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar ir-rapport u fi żmien sitt xhur jipprovdu pjan ta' azzjoni dwar kif jirrimedjaw dawn in-nuqqasijiet. L-Istat Membru għandu jkun obligat li fi żmien sitt xhur jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-pjan tiegħu ta' azzjoni. Skont in-nuqqasijiet identifikati, il-Kummissjoni tista' tfassal skeda u twettaq żjarat imħabbra jew mhux imħabbra fuq il-post sabiex tivverifika l-implimentazzjoni korretta tal-pjan ta' azzjoni. Fil-każ ta' difetti serji, il-Kummissjoni trid tinforma lill-Kunsill mingħajr ebda dewmien.

Dan ma jaffettwax is-setgħa tal-Kummissjoni li tibda proċedura ta' ksur fi kwalunkwe stadja tal-evalwazzjoni. Stat Membru jista' jkun qed jikser l-*acquis*, pereżempju meta jirrifujta d-dħul lil persuni li huma fil-pussess ta' viża ta' Schengen valida maħruġa minn Stat Membru ieħor. F'każijiet bħal dawn, is-sigurtà interna tal-Istat Membru m'hijiex mhedda, iżda xorta jkun qed jikser il-Liġi tal-Komunità.

### **Integrazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea**

Minħabba li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jaqgħu taħt it-Trattat tal-KE, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tiegħu ħsieb il-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen biex tagħmel valutazzjoni tal-applikazzjoni korretta tal-*acquis* qabel ma jitneħħew il-kontrolli tal-fruntieri interni. Madankollu, l-esperjenza tal-Istati Membri hija importanti wkoll sabiex tiġi verifikata l-implimentazzjoni fuq il-post kif ukoll biex tinżamm fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

L-ispejjeż għall-parteeipazzjoni tal-esperti tal-Istat Membru għandhom jinġarru mill-baġit tal-UE.

Għandu jkun imfakkar wkoll li fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri mal-adeżjoni, il-Kummissjoni żżomm is-setgħa tagħha bħala gwardjana tat-Trattati. Il-mekkaniżmu l-ġdid ta' evalwazzjoni ma jkoprix l-applikazzjoni korretta ta' dawn id-dispożizzjonijiet minħabba li l-ewwel irid ikun evalwat mill-Kunsill biex jiġi determinat jekk għandhomx jitneħħew il-kontrolli mal-fruntieri interni.

#### **• Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li jistabbilixxi l-Kumitat Permanenti dawr il-Konvenzjoni Implimentattiva ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 Def tas-16.9.1998)

#### **• Il-Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-miri tal-Unjoni Ewropea**

Il-proposta hi konsistenti mal-politiki eżistenti u mal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-għan dwar il-ħolqien u ż-żamma ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

## **2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI**

Sa mill-1999, saru diversi taħdidiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill 'Evalwazzjoni ta' Schengen' bil-għan li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen isir aktar effiċjenti. Pereżempju l-grupp qabel li jiġi limitat l-għadd ta' esperti li jipparteċipaw fl-evalwazzjonijiet. Madanakollu, Dan il-ftehim ma jorbotx legalment u kull Stat Membru għadu jgawdi d-dritt li jibgħat espert għal żjarat ta' evalwazzjoni, li xi drabi tagħmilha diffiċli li tiġi żgurata l-funzjoni bla skossi ta' dawn iż-żjarat. Barra minn hekk, kienet diskussa l-frekwenza u l-metodoloġija tal-evalwazzjonijiet.

F'Aprill 2008, il-Kummissjoni organizzat laqgħa għall-esperti. L-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tan-nuqqasijiet kif kienu ddefiniti mill-Kummissjoni. Filwaqt li l-Istati Membri rrikonoxxew il-bżonn li jinbidel l-mekkaniżmu attwali, uħud mill-Istati Membri esprimew id-dubbi dwar ir-rwol istituzzjonali tal-Kummissjoni f'mekkaniżmu ġdid ta' evalwazzjoni ta' Schengen.

## **3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **• Sinteżi tal-azzjoni proposta**

L-istrument jipprovdi għal mekkaniżmu ġdid ta' evalwazzjoni ta' Schengen sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni trasparenti, effettiva u konsistenti tal-*acquis* ta' Schengen. Dan jirrifletti wkoll it-tibdiliet fis-sitwazzjoni legali wara l-integrazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

### **• Il-bażi legali**

Artikolu 66 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Il-mandat intergovernattiv irċieva l-Artikolu 66 tat-Trattat tal-KE (kif ukoll l-Artikolu 30 u 31 tat-Trattat tal-UE għall-parti li tirrigwarda t-tielet pilastru) bħala bażi legali u l-oqsma ta' evalwazzjoni jibqgħu l-istess.

### **• Sussidjarjetà u proporzjonalità**

Skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà, l-għan tal-istrument propost, partikolarment biex il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen isir aktar effiċjenti, li attwalment hi r-responsabbiltà tal-Kunsill, jista' jintlaħaq biss fuq livell tal-Komunità.

Il-proposta preżenti tibqa' fil-qafas attwali, filwaqt li tillimita l-għadd ta' esperti li jipparteċipaw u ttejjeb l-effiċjenza. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

### **• L-għażla tal-istrument ġuridiku**

Mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Komunità min-natura proprja tagħha ma jista' jesiġi l-ebda azzjoni mill-Istati Membri biex jinbidel f'liġi nazzjonali, għalhekk l-istrument li ntgħażel huwa Regolament.

#### 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦIT

Il-Kummissjoni ħejjiet dikjarazzjoni finanzjarja komuni li tapplika wkoll għad-Deċizzjoni proposta skont it-Titolu VI tat-Trattat tal-UE. Tidher bħala anness ma' dan ir-Regolament. Riżorsi umani u finanzjarji adegwati jridu jiġu allokati lill-Kummissjoni, li se tkun responsabbli mill-mekkaniżmu l-ġdid tal-evalwazzjoni ta' Schengen. Għandhom jiġi rimborżati l-ispejjeż li jsiru mill-esperti tal-Istati Membri

#### 5. TAGĦRIF ADDIZZJONALI

##### **Konsegwenzi tad-diversi protokollu annessi mat-Trattati u tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni konklużi ma' pajjiżi terzi**

Il-bażi legali għal din il-proposta tinsab fit-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, biex tkun tapplika s-sistema ta' 'ġeometrija varjabbli' pprovduta fil-protokollu dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka fil-protokoll dwar Schengen.

Din il-proposta hija bbażata fuq l-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk għandhom jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi segwenti b'rabta mad-diversi protokollu:

**Ir-Renju Unit u l-Irlanda:** Din tipprovdi għal mekkaniżmu ta' evalwazzjoni li jkopri partijiet mill-*acquis* ta' Schengen li li r-Renju Unit u l-Irlanda ma jidherx sehem fih, f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tad-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għalhekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u huma marbuta bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu biss safejn il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni jkopri dawk il-partijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit u l-Irlanda ma jipparteċipawx, bħal pereżempju r-responsabbiltà ta' min iġorr id-droga u l-ġlieda kontra d-droga.

**Id-Danimarka:** Taħt il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat tal-UE u t-Trattat tal-KE, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, ħlief għall-*'miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri jew miżuri relatati ma' format uniformi għall-viżi'*.

Din il-proposta tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, u skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll 'id-Danimarka għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar proposta jew inizzjattiva li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jekk tkunx se timplimenta din id-Deċizzjoni fil-liġi nazzjonali tagħha'.

**Il-Konsegwenzi għall-Istati Membri l-ġodda tal-proċedura f'żewġ stadji għall-istrumenti implimentattivi li jibnu fuq l-*acquis* ta' Schengen (il-Bulgarija, Ċipru u r-Rumanija):**

L-Artikolu 3(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003<sup>4</sup> u l-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005<sup>5</sup> jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen u l-atti li jibnu fuqu jew li huma relatati miegħu, elenkati rispettivament fl-Anness I u l-Anness II ta' dawn l-Atti, se jkunu vinkolanti fuq u applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda mid-data tal-adeżjoni. Id-dispożizzjonijiet u l-atti mhux imsemmija fl-Annessi, filwaqt li huma vinkolanti fuq l-Istati Membri l-ġodda mid-data tal-adeżjoni, se japplikaw biss fi Stat Membru ġdid skont deċiżjoni tal-Kunsill f'dan is-sens meħuda skont dawn l-Artikoli.

Din hija l-proċedura implimentattiva f'żewġ stadji, fejn xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen huma vinkolanti u applikabbli mid-data tal-adeżjoni għall-Unjoni filwaqt li oħrajn, speċifikament dawk marbutin b'mod intrinsiku mat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni, huma vinkolanti mid-data tal-adeżjoni iżda applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda biss wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward.

Dan l-istrument jispeċifika kif l-implimentazzjoni korretta tal-*acquis* għandha tiġi żgurata wara li jitneħħew il-kontrolli interni fil-fruntieri.

Għandu jkun enfasizzat li għal dawk id-dispożizzjonijiet, li huma applikabbli mid-data tal-adeżjoni, il-Kummissjoni żżomm is-setgħa ta' gwardjana tat-Trattati. Minkejja dan, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni introdott b'dan l-istrument għandu japplika għal dawn id-dispożizzjonijiet wara li l-Kunsill ikun wettaq l-evalwazzjoni ta' Schengen biex jiġi ddeterminat jekk il-kontrolli interni tal-fruntiera għandhomx jitneħħew.

**In-Norveġja u l-Iżlanda:** Fir-rigward tan-Norveġja u l-Iżlanda, din il-proposta tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill u l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati tal-aħħar bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>6</sup>.

**L-Iżvizzera:** Fir-rigward tal-Iżvizzera, din il-proposta tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill u l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni tal-Iżvizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' dan tal-aħħar bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>7</sup>.

**Il-Liechtenstein:** Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1, il-punti A sa G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE kkunsidrata flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE<sup>8</sup>.

Ta' minn jenfasizza li l-ksur identifikat fl-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen mill-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-Kumitati

---

<sup>4</sup>      ĠU L 236, 23.10. 2003, p. 33.

<sup>5</sup>      ĠU L 157, 21.6. 2005, p. 29.

<sup>6</sup>      ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

<sup>7</sup>      ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

<sup>8</sup>      ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

Mħallta stabbilit skont il-Ftehimiet imsemmija hawn fuq u japplikaw id-dispożizzjonijiet rispettivi dwar is-soluzzjoni tat-tilwim.

**Il-parteċipazzjoni tal-esperti mill-Istati Membri li għadhom mhumiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-*acquis* jew li jitħallew japplikaw biss partijiet mill-*acquis*:**

Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija, l-esperti tagħhom jistgħu jieħdu sehem fl-evalwazzjoni ta' dawk il-partijiet tal-*acquis* li diġà qed japplikaw skont l-Atti ta' Adeżjoni rispettivi (eż fruntieri esterni ħliet SIS).

Fir-rigward tar-Renju Unit u l-Irlanda, l-esperti tagħhom jistgħu jieħdu sehem biss fl-evalwazzjoni ta' dawk il-partijiet tal-*acquis* li jkunu diġà daħlu fis-seħħ.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jissorvelja l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Programm tal-Aja<sup>9</sup> jistieden lill-Kummissjoni 'biex malli tkun kompluta t-tneħħija tal-kontrolli mal-fruntieri interni, tissottometti proposta li tissupplimenta l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni eżistenti ta' Schengen b'mekkaniżmu ta' sorveljanza, li jiżgura l-involvement sħiħ tal-esperti tal-Istati Membri, u li jkun jinkludi spezzjonijiet għall-għarrieda'.
- (2) B'deċizzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998<sup>10</sup>, kien imwaqqaf Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen. Il-Kumitat Permanenti ngħata l-mandat, l-ewwel nett, biex jistabbilixxi jekk kinux issodisfatti l-prekundizzjonijiet kollha biex jitneħħew il-kontrolli mal-fruntieri interni ma' Stat kandidat, u t-tieni nett, biex jiġi żgurat li l-*acquis* ta' Schengen ikun applikat kif suppost mill-Istati li diġà qed jimplimentaw l-*acquis* b'mod sħiħ.
- (3) Huwa meħtieġ mekkaniżmu speċifiku ta' evalwazzjoni biex tiġi verifikata l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen minħabba l-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn dawk l-Istati Membri li jagħmlu parti minn żona mingħajr kontrolli mal-fruntieri interni u l-ħtieġa li fil-prattika jiġu żgurati standards uniformi fl-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen. Mekkaniżmu ta' dan it-tip jista' jibni fuq il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u dawk l-Istati Membri, mingħajr preġudizzjoni għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 226 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.
- (4) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni li kien stabbilit fl-1998 għaldaqstant għandu jiġi rivedut fir-rigward tat-tieni parti tal-mandat mogħti lill-Kumitat Permanenti. L-ewwel

<sup>9</sup> ĠU 53, C 3.3.2005, p. 1 (punt 1.7.1)

<sup>10</sup> ĠU L 239, 22.9.2008, p. 138.

parti tal-mandat mogħti lill-Kumitat Permanenti għandu jkompli japplika kif ġie stipulat fil-parti I tad-Deċiżjoni tas-16 ta' Settembru 1998.

- (5) L-*acquis* ta' Schengen fih kemm dispożizzjonijiet koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll dispożizzjonijiet koperti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-esperjenza akkwistata matul l-evalwazzjonijiet preċedenti turi l-bżonn li jinżamm mekkaniżmu koerenti ta' evalwazzjoni li tkopri ż-żewġ pilastri.
- (6) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi l-bażi leġiżlattiva meħtieġa biex jiġi implimentat il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX/XXX/JHA ta' ... li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex tivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen tikkostitwixxi l-bażi leġiżlattiva neċessarja għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (7) Il-fatt li l-bażi leġiżlattiva neċessarja biex jitwaqqaf mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tikkonsisti fi strumenti separati ma taffettwax il-prinċipju li l-evalwazzjonijiet kollha għandhom jiġu implimentati bħala parti minn mekkaniżmu uniku. Ċerti dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti għandhom għalhekk ikunu identiċi.
- (8) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu jistabbilixxi regoli trasparenti, effiċjenti u ċari dwar il-metoloġija li għandha tiġi applikata għall-evalwazzjonijiet, l-użu ta' esperti bi kwalifi għolja għal żjarat fuq il-post, u s-segwitu li għandu jingħata għall-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet. B'mod partikolari, il-metodoloġija għandha tipprovdi għal żjarat mhux imħabbra biex jikkomplementaw iż-żjarat imħabbra, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontrolli tal-fruntieri u viżi.
- (9) L-ambitu tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għandu jinkludi wkoll il-verifika tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar it-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni u verifiki fi ħdan it-territorju nazzjonali. Fid-dawl tan-natura speċifika ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li ma jaffettwawx is-sigurtà interna tal-Istati Membri, iż-żjarat fuq il-post rilevanti għandhom jingħataw esklussivament lill-Kummissjoni.
- (10) L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea<sup>11</sup> (minn hawn il quddiem Frontex) għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu, l-iktar fil-qasam tal-analiżi tar-riskju relatat mal-fruntieri esterni. Il-mekkaniżmu għandhu jkun jista' jorbot ukoll fuq l-esperjenza tal-Aġenzija għat-twettiq ta' żjarat fuq il-post fil-fruntieri esterni fuq bażi ad hoc.
- (11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti li jkunu disponibbli għaż-żjarat fuq il-post ikollhom l-esperjenza meħtieġa u jkunu hađu taħriġ speċifiku għal dan l-iskop. Għandu jiġi pprovdut taħriġ xieraq mill-korpi rilevanti (eż Frontex) u l-fondi għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri għal inizjattivi mmirati għal taħriġ speċifiku fil-qasam tal-evalwazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen permezz l-istrumenti finanzjarji eżistenti u l-iżvilupp tagħhom.

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 349, tal-25.11.2004, p. 1).

- (12) Dan ir-Regolament u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998, safejn mhijiex imħassra b'dan ir-Regolament, huma mingħajr preġudizzjoni għas-setgħat tal-Kummissjoni skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen imsemmija fl-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 fir-rigward tar-Repubblika ta' Ċipru u fl-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija.
- (13) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV, Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 5 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi f'perjodu ta' sitt xhur wara l-addożzjoni ta' dan ir-Regolament jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (14) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fejn ir-Renju Unit jieħu sehem sakemm l-*acquis* ta' Schengen suġġett għall-evalwazzjoni huwa inkluż fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tat-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen<sup>12</sup>, u d-Deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul fis-seħħ ta' partijiet mill-*acquis* ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq<sup>13</sup>. Għalhekk ir-Renju Unit se jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u huwa marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu biss sa dan il-grad.
- (15) Dan ir-Regolament huwa żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda tieħux sehem sal-grad li l-*acquis* ta' Schengen huwa suġġett għall-evalwazzjoni huwa inkluż fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen<sup>14</sup>. Għalhekk l-Irlanda se tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u hija marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu biss sa dan il-grad.
- (16) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>15</sup>, li jaqgħu taħt l-oqsma li għalihom hemm referenza fil-punti A sa G tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE<sup>16</sup> tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13 (7) u t-tielet inċiż tal-Artikolu 16.
- (17) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni

---

<sup>12</sup> ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

<sup>13</sup> ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.

<sup>14</sup> ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

<sup>15</sup> ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

<sup>16</sup> ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen<sup>17</sup>, li jaqgħu taħt l-oqsma imsemmija fl-Artikolu 1, il-punti A sa G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE<sup>18</sup> tas-27 ta' Frar, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13 (7) u t-tielet inċiż tal-Artikolu 16.

- (18) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmit bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, il-punti A sa G, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE kkunsidrata flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE<sup>19</sup> tas-26 ta' Marzu 2008, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 13 (7) u t-tielet inċiż tal-Artikolu 16.
- (19) Fir-rigward ta' Ċipru, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jiżviluppa l-*acquis* ta' Schengen jew li hu b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003.
- (20) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew hu relatat miegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2005,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

##### Skop u ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex tiġi verifikata l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fl-Istati Membri li għalih ikun japplika bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen u fl-Istati Membri li jkunu ġew awtorizzati mill-Kunsill biex jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen.

L-Istati Membri li jkunu ġew awtorizzati biex jieħdu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen jistgħu jieħdu sehem biss fl-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet li huma koperti mill-awtorizzazzjoni u li diġà jkunu qed japplikaw.

L-Istati Membri li mhux qed japplikaw bis-sħiħ l-*acquis* jistgħu jieħdu sehem biss fl-evalwazzjoni ta' dawk il-partijiet tal-*acquis* li diġà qegħdin japplikaw.

---

<sup>17</sup> ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

<sup>18</sup> ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.

<sup>19</sup> ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

## *Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandha tapplika din id-definizzjoni:

L-*'acquis* ta' Schengen', ifisser id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen kif inhum integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea mill-Protokoll anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea kif ukoll fl-atti li huma msejsa fuqu jew li huma relatati miegħu, sakemm daww id-dispożizzjonijiet u l-atti jkollhom il-bażi legali fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

## *Artikolu 3*

### Responsabbiltajiet

1. Il-Kummissjoni hi responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni. Dan il-mekkaniżmu hu kkoordinat minn grupp, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "grupp ta' koordinazzjoni", li hu ffurmat minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-grupp hu ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Frontex biex tipparteċipa bħala osservatur fil-grupp ta' koordinazzjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fil-grupp ta' koordinazzjoni biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-kompiti assenjati lilha b'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni matul il-fażi preparatorja, iż-żjara fuq il-post, il-fażi ta' rappurtaġġ u dik ta' segwitu tal-evalwazzjonijiet.

## *Artikolu 4*

### Evalwazzjonijiet

1. L-evalwazzjonijiet jistgħu jikkonsistu fi kwestjonarji u f'żjarat fil-post. It-tnejn jistgħu jiġu supplimentati minn preżentazzjonijiet mill-Istat Membru tal-qasam koperta mill-evalwazzjoni. Żjarat fuq il-post u kwestjonarji jistgħu jintużaw b'mod indipendenti jew b'kombinazzjoni f'rabta mal-Istati Membri speċifiċi u l-oqsma speċifiċi. Iż-żjarat fuq il-post jistgħu jkunu mħabbra jew mhux imħabbra.
2. L-oqsma speċifiċi li jistgħu jkunu koperti mill-evalwazzjoni huma elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, safejn dawn l-oqsma jirrigwardaw l-atti jew id-dispożizzjonijiet li jkollhom bażijiet legali fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-Anness fih lista mhux eżawrjenti ta' dawn l-oqsma.

## *Artikolu 5*

### Programmi multiannwali

1. Il-programm ta' evalwazzjoni multiannwali li jkopri perjodu ta' ħames snin għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp koordinatur, sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel il-bidu ta' perjodu ta' ħames snin oħra.
2. Il-programm multiannwali għandu jkun fih il-lista tal-Istati Membri li jkunu se jiġu evalwati kull sena. Kull Stat Membru għandu jiġi evalwat mill-anqas darba matul kull perjodu ta' ħames snin. L-ordni li fiha jiġu evalwati l-Istati Membri tkun ibbażata fuq analiżi tar-riskju b'kunsiderazzjoni għall-pressjoni migratorja, iż-żmien li jkun għadda mill-aħħar evalwazzjoni u l-bilanċ bejn il-partijiet differenti tal-*acquis* ta' Schengen li għandhom jiġu evalwati.
3. Għandu jiġi mehmuż kwestjonarju standard mal-programm multiannwali.
4. Il-programm multiannwali jista', jekk ikun meħtieġ, jiġi adattat b'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp koordinatur.

### *Artikolu 6*

#### Analiżi tar-riskju

1. Mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru ta' kull sena, Frontex għandha tippreżenta lill-Kummissjoni analiżi ta' riskju li tikkunsidra l-pressjoni migratorja b'rakkomandazzjonijiet għal prijoritajiet għall-evalwazzjoni fis-sena li ġejja. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jirreferu għal sezzjonijiet speċifiki tal-fruntieri esterni u għal punti ta' qsim speċifiċi fil-fruntieri li għandhom jiġu evalwati fis-sena li ġejja fil-programm multiannwali. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed din l-analiżi ta' riskju għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.
2. Bl-istess skadenza tal-paragrafu 1, Frontex għandha tippreżenta lill-Kummissjoni analiżi ta' riskju separata b'rakkomandazzjonijiet għal prijoritajiet għall-evalwazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati permezz ta' żjarat mhux imħabbra fis-sena li ġejja. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jirrigwarda kwalunkwe reġjun jew qasam speċifiku u għandu jkollhom lista ta' mill-inqas għaxar sezzjonijiet speċifiki tal-fruntieri esterni u għaxar punti speċifiċi ta' qsim fil-fruntiera.

### *Artikolu 7*

#### Programm annwali

1. Filwaqt li l-analiżi ta' riskju pprovduta minn Frontex skont l-Artikolu 6, programm annwali ta' evalwazzjoni għandu jkun stabbilit mill-Kummissjoni, mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru tas-sena preċedenti. Il-programm jista' jipprovdi għall-evalwazzjoni ta':
  - l-applikazzjoni tal-*acquis* minn wieħed mill-Istati Membri, kif speċifikat fil-programm multiannwali;
 u barra minn hekk, fejn ikun rilevanti:

- l-applikazzjoni ta’ partijiet speċifiċi tal-*acquis* f’diversi Stati Membri (evalwazzjonijie tematiċi);
  - l-applikazzjoni tal-*acquis* minn grupp ta’ Stati Membri (evalwazzjonijiet reġjonali).
2. L-ewwel taqsima tal-programm, stabbilit mill-Kummissjoni f’kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp ta’ koordinazzjoni, għandu jniżżel l-Istati Membri li għandhom jiġu evalwati fis-sena li ġejja skont il-programm multiannwali. Din it-taqsima għandu jkun fiha lista tal-oqsma li għandhom jiġu evalwati u tinkludi l-kwestjonarju li għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kkonċernati. Jekk f’dak l-istadju tkun possibbli valutazzjoni, il-programm għandu jkun fih lista ta’ żjarat fuq il-post li jkunu jridu jitwettqu.
- Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, wara analiżi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju, jekk għandiex issir żjara fuq il-post jew le.
- M’għandiex issir żjara fuq il-post aktar kmieni minn erba’ xhur wara l-komunikazzjoni tal-kwestjonarju mill-Kummissjoni lill-Istat Membru kkonċernat.
3. Il-Kummissjoni għandha tħejji t-tieni taqsima tal-programm, li telenka ż-żjarat mhux imħabbra li għandhom jitwettqu fis-sena li ġejja. Din it-taqsima għandha tkun meqjusa kunfidenzjali u m’għandiex tiġi kkomunikata lill-Istati Membri.
4. Il-programm annwali jista’ jiġi adattat, jekk meħtieġ, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3.

## *Artikolu 8*

### Lista ta' esperti

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta’ esperti maħtura mill-Istati Membri għall-parteċipazzjoni fi żjajrat fil-post. Il-lista għandha tiġi kkomunikata lill-grupp li jikkoordina.
2. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-oqsma rispettivi tal-esperjenzi ta’ kull expert fir-rigward tal-oqsma elenkati fl-Anness ta’ dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b’kull tibdil mill-aktar fis possibbli.
3. L-Istati Membri għandhom jindikaw liema esperti jistgħu jkunu disponibbli għaż-żjarat mhux imħabbra skont il-ħtiġijiet stipulati fl-Artikolu 9(5).
4. L-esperti għandu jkollhom il-kwalifiki xierqa, inkluż tagħrif teoretiku solidu u esperjenza Prattika fl-oqsma kollha koperti mill-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni, kif ukoll tagħrif sod tal-prinċipji ta’ evalwazzjoni, proċeduri u tekniki, u għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw b’mod effettiv b’lingwa komuni.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti magħżula tagħhom jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifikati fil-paragrafu preċedenti, inkluż billi jindikaw it-taħriġ li ngħataw l-esperti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti jingħataw taħriġ kontinwu biex iżommu l-konformità tagħhom ma’ dawn il-ħtiġijiet.

## *Artikolu 9*

### Gruppi responsabbli għal żjarat fil-post

1. Iż-żjarat fuq il-post għandhom jitwettqu mill-gruppi maħtura mill-Kummissjoni. Il-gruppi għandhom jikkonsistu f'esperti magħżula minn lista ta' esperti msemmija fl-Artikolu 8 u minn uffiċjal(i) tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-bilanċ ġeografiku u l-kompetenza tal-esperti li jiffurmaw il-grupp. L-esperti tal-Istati Membri ma jistgħux jieħdu sehem fi żjara fuq il-post fl-Istat Membru li fih huma jkunu impjegati.
2. Il-Kummissjoni tista' tistieden lil Frontex biex taħtar rappreżentant tal-aġenzija biex jieħu sehem fi żjara fil-fruntieri esterni bħala osservatur.
3. L-għadd ta' esperti li jipparteċipaw fi żjarat ta' evalwazzjoni ma' jistax ikun iktar minn tmien persuni għaż-żjarat fuq il-post imħabbra u sitt persuni għaż-żjarat fuq il-post mhux imħabbra.
4. Fil-każ ta' żjarat mhux imħabbra, l-Istati Membri li l-esperti tagħhom ikunu nħatru skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel tkun skedata ż-żjara fuq il-post. L-Istati Membri għandhom jikkonfermaw id-disponibbiltà tagħhom tal-esperti fi żmien ġimgħa.
5. Fil-każ ta' żjarat mhux imħabbra, l-esperti maħtura skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ġimgħa qabel tkun skedata ż-żjara fuq il-post. L-Istati Membri għandhom jikkonfermaw id-disponibbiltà tagħhom tal-esperti fi żmien 48 siegħa.
6. L-espert li jikkoordina għal żjarat fuq il-post għandu jkun Uffiċjal tal-Kummissjoni.

## *Artikolu 10*

### Kif jitmexxew iż-żjarat fuq il-post

1. Il-gruppi ta' żjarat fuq il-post għandhom jagħmlu l-attivitajiet preparatorji kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-effiċjenza, l-eżattezza u l-konsistenza taż-żjarat fuq il-post.
2. Qabel iż-żjarat fuq il-post l-Istat Membru jiġi nnotifikat:
  - mill-inqas xagħrejn qabel id-data ta' żjara fuq il-post imħabbra;
  - mill-inqas 24 siegħa qabel żjara fuq il-most mhux imħabbra.
3. Il-membri tal-grupp li jwettaq żjarat fuq il-post għandhom iġorru identifikazzjoni li tawtorizzhom biex iwettqu dawn iż-żjarat f'isem il-Kummissjoni.
4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-grupp ta' esperti jkun jista' jindirizza direttament lill-persuni rilevanti. Għandu jiġi żgurat l-aċċess tal-grupp għaż-żoni kollha, għall-bini u għad-dokumenti kollha kif rikjesti għall-evalwazzjoni. Għandu

jiżgura li l-grupp ikun jista' jeżerċita l-mandat tiegħu biex jivverifika l-attivitajiet relatati mal-oqsma li jridu jiġu evalwati.

5. L-Istat Membru kkonċernat, b'kull mezz li jippermettu s-setgħat legali, għandu jassisti lill-grupp li jkun qed iwettaq il-kompitu tiegħu.
6. Fil-każ ta' żjarat imħabbra fuq il-post, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi bil-quddiem lill-Istat Membri rilevanti, l-ismijiet tal-esperti tal-grupp. L-Istat Membru kkonċernat għandu jaħtar punt ta' kuntatt biex isiru l-arranġamenti prattiċi għaż-żjara fuq il-post.
7. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għall-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni tal-esperti. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-esperti li jkunu qed jieħdu sehem fiż-żjarat għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni.

### *Artikolu 11*

#### Kwestjonarju

1. Il-kwestjonarji għandhom ikopru l-leġiżlazzjoni rilevanti u l-mezzi organizzattivi u tekniċi disponibbli għall-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u d-dejta statistika għal kull qasam ta' evalwazzjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju fi żmien sitt ġimgħat minn din tiġi kkomunikata.

### *Artikolu 12*

#### Il-verifika tal-moviment liberu tal-persuni fil-fruntieri interni

Minkejja l-Artikolu 9, gruppi ta' żjarat fuq il-post għal żjarat fuq il-post mhux imħabbra għall-verifika tan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni għandhom jikkonsistu biss f'Uffiċjali tal-Kummissjoni.

### *Artikolu 13*

#### Rapporti ta' evalwazzjoni

1. Għandu jitfassal rapport wara kull evalwazzjoni. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq il-konklużjonijiet taż-żjara fil-post u l-kwestjonarju skont ir-rilevanza.
  - (a) Jekk l-evalwazzjoni tkun ibbażata biss fuq il-kwestjonarju jew fuq żjara mhux imħabbra, ir-rapport għandu jitfassal mill-Kummissjoni.
  - (b) Fil-każ ta' żjara mħabbra fuq il-post, ir-rapport għandu jitfassal mill-grupp matul iż-żjara. L-Uffiċjal tal-Kummissjoni għandu jieħu r-responsabbiltà sħiħa għall-abbozz tar-rapport kif ukoll biex jiżgura l-integrità u l-kwalità tiegħu.

2. Ir-rapport għandu janalizza l-aspetti kwalitattivi, kwantitattivi, operattivi, amministrattivi u organizzattivi skont ir-rilevanza u għandu jelenka n-nuqqassijiet u d-difetti stabbiliti matul l-evalwazzjoni. Ir-rapport għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju kif ukoll l-iskadenzi rispettivi għall-implimentazzjoni tagħhom.
3. Waħda mill-klassifikazzjonijiet segwenti għandha tapplika għal kull konklużjoni tar-rapport:
  - (a) konformi;
  - (b) konformi iżda jeħtieġ li tkun imtejba;
  - (c) mhux konformi, għandha difetti serji.
4. Ir-rapport għandu jiġi nnotifikat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri kkonċernati fi żmien erba' ġimgħat miż-żjara fuq il-post jew minn meta jkun ġew irċevuti t-tweġibiet għall-kwestjonarju skont ir-relevanza. L-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar ir-rapport fi żmien ġimagħtejn.

Fi żmien sitt ġimgħat minndu jkun irċevut ir-rapport, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni pjan ta' azzjoni dwar kif għandu jirrimedja xi nuqqassijiet identifikati.
5. Ir-rapport u t-tweġiba tal-Istat Membru għandha tiġi ppreżentata mill-espert tal-Kummissjoni lill-grupp ta' koordinazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tal-kemm hu adegwat il-pjan ta' azzjoni. L-Istati Membri għandhom jiġu mistiedna biex jikkumentaw fuq ir-rapport u l-pjan ta' azzjoni.
6. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni fi żmien sitt xhur minndu jkun irċevut ir-rapport, u minn hemm 'il quddiem ikomplu jagħmlu dan kull tliet xhur sakemm il-pjan ta' azzjoni jiġi implimentat kollu kemm hu. Skont il-kobor tan-nuqqasijiet identifikati u l-miżuri li jittieħdu biex jiġu rrimedjati dawk in-nuqqasijiet, il-Kummissjoni tista tfassal skeda ta' żjarat fuq il-post biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.
7. Il-paragrafi 1 sa 6 huma mingħajr preġudizzjoni għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 226 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.
8. Jekk żjara fuq il-post tiżvela difett serju li aktarx ikollu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali ta' sigurtà ta' Stat/i Membru/i li jkun/jkunu qed japplika/w l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill mill-aktar fis possibbli.

#### *Artikolu 14*

##### Informazzjoni sensittiva

Il-gruppi għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-qadi ta' dmiriethom bħala kunfidenzjali. Ir-rapporti imfassla wara ż-żjarat fuq il-post għandhom jiġu kklassifikati

bħal ristretti. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta l-Istat Membr kkonċernati, għandha tiddeċiedi liema parti tar-rapport jista' jsir pubbliku.

### *Artikolu 15*

#### Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. L-ewwel programm multiannwali skont l-Artikolu 5 u l-ewwel programm annwali skont l-Artikolu 7 għandhom jiġu stabbiliti sitt xhur wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament. Id-dati għall-bidu taż-żewġ programmi għandhom ikunu sena wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.
2. L-ewwel analiżi ta' riskju li għandu jiġi pprovdut minn Frontex skont l-Artikolu 6 għandu jingħata lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-esperti tagħhom skont l-Artikolu 8 mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

### *Artikolu 16*

#### Rappurtaġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-evalwazzjonijiet li jsiru skont dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jsir pubbliku u għandu jinkludi l-informazzjoni dwar:

- l-evalwazzjonijiet li jkunu twettqu matul is-sena preċedenti,
- il-konklużjonijiet b'rabta ma' kull evalwazzjoni u l-qagħda preżenti fir-rigward tal-azzjonijiet għal rimedju, u
- kwalunkwe proċeduri ta' ksur li jinbdew mill-Kummissjoni bħala riżultat tal-evalwazzjonijiet.

### *Artikolu 17*

#### Tħassir

Fejn għandu x'jaqsam mal-*acquis* ta' Schengen kif definit mill-Artikolu 2 il-parti II tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li jistabbilixxi Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (SCH/Com-ex (98) 26 def.), bit-titolu 'Kumitat ta' implimentazzjoni għall-istati li diġà qed japplikaw il-konvenzjoni', għandu jitħassar sena wara li jidħol fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 18*

#### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri, skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNESS

- **Fruntieri interni:**

- Tneħħija ta' verifiki fil-fruntieri interni
- Tneħħija ta' ostakli fil-fruntieri interni

- **Fruntieri esterni :**

- Strateġija u struttura organizzazzjonali u funzjonali tas-servizzi tal-fruntieri
- Analiżi ta' riskju, informazzjoni u ġestjoni tal-flussi tad-dejta;
- Rijammissjoni, espulsjoni u immigrazzjoni illegali, inkluż ir-responsabbiltà ta' min iġorr
- Dispożizzjonijiet għat-twettiq ta' verifiki fil-punti ta' qsim fil-fruntiera
- Infrastruttura tal-punti ta' qsim tal-fruntieri
- Mezzi tekniċi disponibbli fil-fruntieri esterni għall-kontroll tal-fruntieri
- Numri u taħriġ tal-gwardjani tal-fruntieri
- Sistemi ta' sorveljanza fil-fruntieri
- Forom eżistenti ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi viċini

- **Viżi:**

- Dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ tal-viżi
- Konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
- Sigurtà tal-bini tal-Konsulati
- Dispożizzjonijiet u arranġamenti prattiċi għall-provvediment ta' stikers tal-viżi ta' Schengen u l-kundizzjonijiet ta' ħażna
- Numri u taħriġ tal-persunal konsulari
- Tagħmir IT għas-sejba ta' dokumenti foloz u ffalsifikati
- Kooperazzjoni konsulari

- **Protezzjoni tad-dejta**

- L-aspetti legali, organizzattivi u tekniċi tal-protezzjoni tad-dejta personali
- Il-miżuri li ma jħallux l-aċċess għas-sistemi u għall-informazzjoni u għad-dejta maħżuna

- Id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta u t-trattament tal-ilment;
  - Ir-rwol ta' sorveljanza (żjarat fuq il-post)
  - Protezzjoni tad-dejta relatata mal-ħruġ tal-viżi
  - Il-kooperazzjoni ma' Awtoritajiet oħra tal-Protezzjoni tad-Dejta (DPA)
- **Sistema ta' informazzjoni Schengen (SIS) / Sirene**
    - Is-Sigurtà tad-dejta
    - Is-Sigurtà tas-sistemi tal-IT u netwerks fejn tiġi pproċessata d-dejta
    - Is-Sigurtà tal-bini
    - Id-dispożizzjonijiet leġislattivi u regolatorji li jirrigwardaw is-SIS
    - It-trattament tad-dejta, id-dhul, il-modifikazzjoni, it-tneħħija tat-twissijiet, il-miżuri tal-kwalità tad-dejta
    - Id-disponibbiltà teknika u l-kapaċità operattiva tas-Sirene Bureaux
    - L-aċċess tal-utent finali għad-dejta rilevanti tas-SIS
    - It-taħriġ
  - **Drogi**
    - L-Implimentazzjoni taċ-ċertifikat mediku ta' Schengen u ostakli li rriżultaw

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI**  
**GĦANDHOM IMPATT FUQ IL-BAĠIT LIMITAT ESKLUSSIVAMENT GĦAN-**  
**NAĦA TAD-DĦUL**

**1. ISEM TAL-PROPOSTA:**

Proposta ta' Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għall-verifika tal-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex jissorvelja l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen

**2. IL-QAFAS TAL-ABM / ABB**

Qasam ta' politika: Iż-Żona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (titolu 18)

Attivitajiet: Solidarjetà – Fruntieri esterni, politika tal-viża u l-moviment liberu tan-nies (Kapitolu 18.02)

**3. IL-LINJI TAL-BAĠIT**

**3.1. Il-linji baġitarji (linji operattivi u linji ta' għajjnuna teknika u amministrattiva relatati (ex-linji B.A)) inklużi l-intestaturi:**

Taħt Kapitolu 18.02 (Solidarjetà — Fruntieri esterni, politika tal-viża u l-moviment liberu tal-persuni), ħolqien ta' Artikolu 18 02 XX - intitolat "Evalwazzjoni Schengen"

*\*Linja tal-baġit li għandha tinholq fil-PDB 2010*

**3.2. It-tul tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:**

Huwa previst li l-azzjoni tibda fl-2010 jew fl-2011. L-azzjoni tkun permanenti.

**3.3. Il-karatteristiċi baġitarji:**

| Linja baġitarja | Tip ta' Nefqa |                    | Ġdida | Kontribuzzjon ijet minn pajjiżi assoċjati ma' Schengen | Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti | Intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|-----------------|---------------|--------------------|-------|--------------------------------------------------------|--------------------------------------------|-----------------------------------------|
| Ara 3.1         | Mhux oblig.   | Diff <sup>20</sup> | IVA / | IVA                                                    | LE                                         | Nru [3A]                                |

<sup>20</sup>

Approprijazzjonijiet differenzjati

## 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

### 4.1. Ir-Riżorsi Finanzjarji

#### 4.1.1. Sommarju tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (CA) u l-appropriazzjonijiet għall-flas (PA)

f'EUR miljuni (sat-tielet post deċimali)

| Tip ta' nefqa | Nru. tat-Taqsima |  | Sena 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | n + 4 | n + 5 u ta' wara | Totali |
|---------------|------------------|--|-----------|------|------|------|-------|------------------|--------|
|---------------|------------------|--|-----------|------|------|------|-------|------------------|--------|

#### Spiża operattiva<sup>21</sup>

|                                          |      |   |      |      |      |      |  |  |  |
|------------------------------------------|------|---|------|------|------|------|--|--|--|
| Appropriazzjonijiet għall-Impenji (AI)   | 8.1. | a | p.m. | 0.56 | 0.73 | 0.73 |  |  |  |
| Appropriazzjonijiet għall-Flasijiet (AH) |      | b |      |      |      |      |  |  |  |

#### Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>22</sup>

|                                          |        |   |  |  |  |  |  |  |  |
|------------------------------------------|--------|---|--|--|--|--|--|--|--|
| Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA) | 8.2.4. | c |  |  |  |  |  |  |  |
|------------------------------------------|--------|---|--|--|--|--|--|--|--|

#### L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

|                                     |  |       |      |      |      |      |  |  |  |
|-------------------------------------|--|-------|------|------|------|------|--|--|--|
| Appropriazzjonijiet għall-Impenji   |  | a + c | p.m. | 0.56 | 0.73 | 0.73 |  |  |  |
| Appropriazzjonijiet għall-Flasijiet |  | b+c   | p.m. | 0.56 | 0.73 | 0.73 |  |  |  |

#### Nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza<sup>23</sup>

|                                                                                                                 |        |   |      |      |      |      |  |  |  |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------|---|------|------|------|------|--|--|--|
| Riżorsi umani u l-infiq assoċjat (NDA)                                                                          | 8.2.5. | d | 0.12 | 0.61 | 0.85 | 0.85 |  |  |  |
| Spejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA) | 8.2.6. | e | p.m. | 0.06 | 0.1  | 0.1  |  |  |  |

#### Spiża finanzjarja indikattiva totali tal-intervent

<sup>21</sup> Nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

<sup>22</sup> Nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

<sup>23</sup> Nefqa fil-Kapitolu xx 01 għajr għall-artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

|                                                    |  |                 |      |      |      |      |  |  |  |
|----------------------------------------------------|--|-----------------|------|------|------|------|--|--|--|
| <b>TOTAL AI, inklużi spejjeż ta' Riżorsi Umani</b> |  | a+ċ<br>+d<br>+e | 0.12 | 1.23 | 1.68 | 1.68 |  |  |  |
| <b>TOTAL AH, inklużi spejjeż ta' Riżorsi Umani</b> |  | b+ċ<br>+d<br>+e | 0.12 | 1.23 | 1.68 | 1.68 |  |  |  |

#### Id-dettalji tal-kofinanzjament

F'każ li l-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella t'hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji f'każ li entitajiet differenti huma previsti għall-għoti tal- kofinanzjament):

f'EUR miljuni (sat-tielet post deċimali)

| Entità tal-kofinanzjament         |                       | Sena<br>n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n + 5<br>u ta'<br>wara | Totali |
|-----------------------------------|-----------------------|-----------|-------|-------|-------|-------|------------------------|--------|
| .....                             | f                     |           |       |       |       |       |                        |        |
| TOTAL AI inkluż il-kofinanzjament | a+c<br>+d<br>+e<br>+f |           |       |       |       |       |                        |        |

#### 4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- ☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju attwali<sup>24</sup>. **Jekk meħtieġ, l-appropriazzjonijiet finanzjarji għall-2010 jsiru disponibbli permezz ta' trasferiment fi ħdan il-kapitolu 18.02.**
- ☐ Din il-proposta teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura tal-perspettivi finanzjarji.
- ☐ Il-proposta tista' titlob li jkunu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali<sup>25</sup> (jiġifieri l-istrument tal-flessibilità jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

#### 4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-dħul

- ☒ Impatt finanzjarju – L-effett fuq id-dħul huwa dan li ġej:

Il-proposta preżenti tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE. Pajjiżi terzi assoċjati mal-*acquis* ta' Schengen, l-Iżlanda

<sup>24</sup> Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni se jkompli jiġi implimentat wara s-sena finanzjarja 2013.

<sup>25</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

u n-Norveġja<sup>26</sup> kif ukoll l-Iżvizzera<sup>27</sup> u l-Liechtenstein<sup>28</sup> jikkontribwixxu għall-ispejjeż b'dan il-mod.

f'EUR miljuni (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

| Linja baġitarja | Dħul                       | Qabel l-azzjoni<br>[Sena n - 1] | Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni |      |      |      |       |             |
|-----------------|----------------------------|---------------------------------|-------------------------------|------|------|------|-------|-------------|
|                 |                            |                                 | 2010                          | 2011 | 2012 | 2013 | [n+4] | [n+5]<br>29 |
| 18.02.XX        | a) Dħul f'termini assoluti |                                 | p.m.                          | 0.07 | 0.1  | 0.11 |       |             |
|                 | b) Il-bdil fid-dħul        | Δ                               |                               |      |      |      |       |             |

#### 4.2. **Riżorsi umani fl-FTE (inklużi l-impjegati taċ-Ċivil, persunal temporanju u ta' barra) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.**

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni mogħtija lis-servizz amministrattiv fil-qafas tal-proċedura ta' allokazzjoni annwali

| Ħtiġijiet annwali              | Sena 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | n + 4 | n + 5<br>u ta' wara |
|--------------------------------|-----------|------|------|------|-------|---------------------|
| Numru totali ta' riżorsi umani | 1         | 5    | 7    | 7    |       |                     |

## 5. **KARATTERISTIĊI U GĦANIJET**

### 5.1. **Għandhom jintlaħqu fi żmien twil jew qasir**

Minħabba l-orijini intergovernattiva tal-*acquis* ta' Schengen, il-mekkaniżmu attwali ta' evalwazzjoni ta' Schengen jingħata lill-Kunsill. L-infiq li jkun sar fi ħdan il-qafas

<sup>26</sup> L-Artikolu 12 (1), l-aħħar paragrafu tal-Ftehim bejn il-Kunsill u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176 tal-10.7.1999, 36)

<sup>27</sup> L-Artikolu 11 (3) it-tieni paragrafu tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

<sup>28</sup> L-Artikolu 3 tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3)

<sup>29</sup> Jistgħu jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun hemm bżonn, jiġifieri jekk it-tul taż-żmien tal-azzjoni jaqbeż is-sitt snin.

tal-evalwazzjonijiet għandu jitħallas mill-baġit nazzjonali tal-Istati Membri li l-esperti tagħhom jipparteċipaw fl-*acquis* ta' Schengen. Wara l-integrazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, huwa neċessarju li jiġi pprovdut ukoll qafas legali li fih isiru dawn l-evalwazzjonijiet. Għalhekk, l-ispejjeż li jirriżultaw minn dan il-mekkaniżmu, b'mod partikolari dawk relatati mal-partiċipazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri (rimbors tal-ispejjeż tal-ivjaġġar u akkomodazzjoni matul iż-żjarat fuq il-post) għandhom jitħallsu mill-baġit tal-UE. Il-per diem tal-espert tal-Istat Membru jkompli jitħallas mill-baġit tal-Istat Membru kkonċernat.

## **5.2. Il-valur miżjud tal-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta mal-istrumenti finanzjarji l-oħra u s-sinerġija possibbli**

Iż-żamma taż-żona ta' Schengen bħala żona ta' moviment liberu mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tiddependi fuq mekkaniżmu ta' evalwazzjoni effettiv u effiċjenti relatat mal-miżuri li jakkumpanjaw li jippermettu ż-żamma ta' żona bħal din mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni. Huwa indispensabbli li jiġi adattat il-qafas għall-evalwazzjoni intergovernattiva ta' Schengen fil-qafas tal-UE, fejn il-Kummissjoni bħala gwardjana tat-Trattati tiegħu r-responsabbiltajiet tagħha filwaqt li tiżgura l-partiċipazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri biex iżżomm il-fiduċja reċiproka. Sabiex tinżamm sett koerenti ta' evalwazzjonijiet, l-evalwazzjoni bbażata fuq it-tielet pilastru wkoll għandha tiġi koordinata mill-Kummissjoni, filwaqt li jiġu involuti bis-siġh l-esperti tal-Istati Membri.

**Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni fil-Programm tal-Aja biex tippreżenta proposta li tissupplementa l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen eżistenti li jinvolvi l-esperti tal-Istati Membri.**

## **5.3. Għanijiet, riżultati previsti u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM**

L-għan globali huwa l-applikazzjoni korretta tal-*acquis* ta' Schengen fl-oqsma kollha tal-miżuri li jakkumpanjaw li jippermettu li tinżamm żona mingħajr kontroll fil-fruntieri interni.

L-azzjoni nru 1: Evalwazzjoni jew permezz ta' żjarat fuq il-post jew fuq bażi ta' kwestjonarji li jkopru dawn l-oqsma ta' politika li ġejjin: fruntieri esterni, viża, kooperazzjoni tal-pulizija fil-fruntieri interni, Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, protezzjoni tad-dejta, drogi, kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali.

L-indikatur: Evalwazzjoni tal-applikazzjoni korretta tal-*acquis* fir-rapporti (konformi bis-siġh, konformi iżda huwa meħtieġ titjib, mhux konformi)

L-azzjoni nru 2: Evalwazzjoni permezz ta' żjarat mhux imħabbra li jkopru l-oqsma tal-ewwel pilastru tal-*acquis* ta' Schengen

L-indikatur: Valutazzjoni tal-applikazzjoni korretta tal-*acquis* sabiex jiġu rimedjati ċerti nuqqasijiet. Jiġi rapport wara kull żjara li jindika l-konformità mal-Liġi tal-Komunità.

#### 5.4. Il-Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

☒ ***Ġestjoni Ċentralizzata***

☒ direttament mill-Kummissjoni

☐ indirettament b'delegazzjoni għal:

☐ Aġenziji eżekuttivi

☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku jew korpi bil-missjoni ta' servizz pubbliku

☐ ***Ġestjoni mqassma jew deċentralizzata***

☐ mal-Istati Membri

☐ ma' Pajjiżi Terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (li għandhom jiġu speċifikati)***

Rimarki:

## **6. IS-SORVELJANZA U L-EVALWAZZJONI**

### **6.1. Sistema ta' monitoraġġ**

L-istrumenti leġislattivi proposti jipprovdu għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni għall-applikazzjoni korretta tal-*acquis* ta' Schengen. L-applikazzjoni korretta tal-*acquis* se tiġi valutata fir-rapporti ta' evalwazzjoni li jindikaw il-grad ta' konformità. Il-Kummissjoni se tissottometti rapport separat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti.

### **6.2. Evalwazzjoni**

#### *6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante*

#### *6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja jew ex post (tagħlim meħud minn esperjenzi simili fl-imġhoddi)*

#### *6.2.3. It-termini u l-frekwenza tal-evalwazzjoni futura*

## **7. MIŻURI GĦAL KONTRA L-FRODI**

Għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1037/1999 għandhom japplikaw mingħajr restrizzjonijiet għal din l-Azzjoni.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispejjeż tagħhom

Approprijazzjonijiet għall-impenn f'EUR miljuni (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| (Intestaturi ta' Għanijiet, azzjonijiet u riżultati għandhom jiġu pprovduti)               | Tip ta' riżultat | L-ispiża medja | Sena 2010             |              | Sena 2011             |              | Sena 2012             |              | Sena 2013             |              | Sena n+4              |              | Sena n + 5 u ta' wara |              | TOTAL                 |              |
|--------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|----------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|-----------------------|--------------|
|                                                                                            |                  |                | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali | Numru ta' azzjonijiet | Spiża totali |
| GĦAN OPERATTIV NRU.1 <sup>30</sup> Verifika tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen..... |                  |                |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |
| Azzjoni 1 żjarat imħabbra fuq il-post (Esperti tal-Istati Membri + esperti COM)            |                  |                |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |
| Riżultat 1: Il-Missjoni                                                                    |                  | 0.0024         | pm                    | pm           | 200                   | 0.48         | 240                   | 0.58         | 240                   | 0.58         |                       |              |                       |              |                       |              |
| Tagħmir tal-IT                                                                             |                  |                |                       | pm           |                       | 0.01         |                       | 0.01         |                       | 0.01         |                       |              |                       |              |                       |              |
| Azzjoni 2.                                                                                 |                  |                |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |
| Żjarat ta' evalwazzjoni mhux imħabbra (Esperti tal-Istati Membri + Esperti COM)            |                  |                |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |                       |              |
| - Riżultat 1: Missjoni                                                                     |                  | 0.0024         | pm                    | pm           | 30                    | 0.07         | 60                    | 0.14         | 60                    | 0.14         |                       |              |                       |              |                       |              |
| SPIŻA TOTALI                                                                               |                  |                |                       |              |                       | 0.56         |                       | 0.73         |                       | 0.73         |                       |              |                       |              |                       |              |

<sup>30</sup> Kif deskritt fit-Taqsima 5.3.

Kalkolu:

L-azzjoni nru 1: Missjonijiet: Persuna/ġimġha x 2400 € x 25 żjarat mhux imħabbra u 30 għas-snin sussegwenti (8 esperti għal kull missjoni)

Tagħmir tal-IT meħtieġ għaż-żjara fuq il-post (laptop eċċ).

L-azzjoni nru 2: Missjonijiet: Persuna/ġimġha x 2400 € x 5 żjarat mhux imħabbra u 10 għas-snin sussegwenti (6 esperti għal kull missjoni)

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-twaqqif u l-operazzjoni ta' ġabra ta' esperti biex jivverifikaw l-applikazzjoni korretta tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri. Dan l-infiq jinkludi l-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-esperti tal-Kummissjoni kif ukoll tal-esperti tal-Istati Membri li jirriżultaw skont id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti. Ma' dawn l-ispejjeż għandhom jiżdiedu l-ispejjeż għall-provvisti meħtieġa għal żjara fuq il-post, eż. laptop għat-tħejjija tal-abbozz tar-rapport

## 8.2. In-Nefqa Amministrattiva

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti fi ħdan l-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DG responsabbli għall-ġestjoni fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni fid-dawl tal-limiti baġitarji.

### 8.2.1. Persunal u tipi ta' riżorsi umani

| Tipi ta' xogħol                                                        |                           | Persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali ( <b>għadd ta' karigi/FTEs</b> ) |           |           |           |            |            |
|------------------------------------------------------------------------|---------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|-----------|-----------|------------|------------|
|                                                                        |                           | Sena 2010                                                                                                                                    | Sena 2011 | Sena 2012 | Sena 2013 | Sena n + 4 | Sena n + 5 |
| Persunal Uffiċjali jew Temporanju <sup>31</sup><br>(XX 01 01)<br>A*/AD | B*, C*/AST                | 1                                                                                                                                            | 4         | 6         | 6         |            |            |
|                                                                        | B*, C*/AST                |                                                                                                                                              | 1         | 1         | 1         |            |            |
| Persunal permezz tal-Artikolu XX 01 02                                 | iffinanzjat <sup>32</sup> |                                                                                                                                              |           |           |           |            |            |
| Persunal iffiananzjat skont l-Art. XX 01 04/05                         | ieħor <sup>33</sup>       |                                                                                                                                              |           |           |           |            |            |
| <b>TOTAL</b>                                                           |                           | 1                                                                                                                                            | 5         | 7         | 7         |            |            |

### 8.2.2. Id-deskrizzjoni tal-eżerċizzji li jirriżultaw mill-azzjoni

### 8.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

- ✓ Karigi li bħalissa huma allokati għat-tmexxija tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi (1)
- Karigi allokati minn qabel fil-qafas tal-eżerċizzju tal-APS/PDB għas-sena 2009
- ✓ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss (2 għal 2011 u 1 għal 2012)
- ✓ Postijiet li għandhom jitqassmu mill-ġdid billi jintużaw riżorsi eżistenti fis-servizz ta' ġestjoni (trasferimenti interni) (3)

<sup>31</sup> Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>32</sup> Li l-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

<sup>33</sup> Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

- ☐ Postijiet meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena kkonċernata

8.2.4. *Infq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa ta' ġestjoni amministrattiva)*

f'EUR miljuni (sat-tielet post deċimali)

| Linja baġitarja<br>(numru u intestatura)                                                 | Sena<br>n | Sena<br>n+1 | Sena<br>n + 2 | Sena<br>n + 3 | Sena<br>n + 4 | Sena<br>n + 5<br>u<br>wara | TOTAL |
|------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|-------------|---------------|---------------|---------------|----------------------------|-------|
| <b>1 Assistenza teknika u amministrattiva<br/>(inkluża n-nefqa tal-persunal relatat)</b> |           |             |               |               |               |                            |       |
| Aġenzijiet Eżekuttivi <sup>34</sup>                                                      |           |             |               |               |               |                            |       |
| Assistenza teknika u amministrattiva oħra                                                |           |             |               |               |               |                            |       |
| -intra muros                                                                             |           |             |               |               |               |                            |       |
| - extra muros                                                                            |           |             |               |               |               |                            |       |
| <b>Għajjnuna Teknika u amministrattiva<br/>totali</b>                                    |           |             |               |               |               |                            |       |

8.2.5. *Nefqa finanzjarja fuq riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

f'EUR miljuni (sat-tielet post deċimali)

| Tipi ta' riżorsi umani                                                                                                             | Sena<br>2010 | Sena<br>2011 | Sena<br>2012 | Sena<br>2013 | Sena<br>n+4 | Sena n +<br>5<br>u<br>wara |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|-------------|----------------------------|
| Uffiċjali u staff temporarju<br>(XX 01 01)                                                                                         | 1            | 5            | 7            | 7            |             |                            |
| Staff iffinanzjat permezz tal-<br>Art XX 01 02 (awżiljarju,<br>END, staff bil-kuntratt, eċċ.)<br><br>(speċifika l-linja baġitarja) |              |              |              |              |             |                            |
| <b>L-ispiża totali tar-Riżorsi<br/>Umani u l-ispejjeż assoċjati<br/>(MHUX fl-ammont ta'<br/>referenza)</b>                         | <b>0.37</b>  | <b>0.73</b>  | <b>0.85</b>  | <b>0.85</b>  |             |                            |

<sup>34</sup> Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

Kalkolu – *Uffiċjali u Aġenti Temporanji*

Kalkolu – *Staff iġfinanzjat skont l-Art. XX 01 02*

#### 8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza

f'EUR miljuni (sat-tielet post deċimali)

|                                                                                                                              | Sena<br>2010 | Sena<br>2011 | Sena<br>2012 | Sena<br>2013 | Sena<br>n +<br>4 | Sena<br>n +<br>5<br>u<br>wara | TOTAL |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|------------------|-------------------------------|-------|
| XX 01 02 11 01 – Missjonijiet                                                                                                |              |              |              |              |                  |                               |       |
| XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi                                                                                        | p.m.         | 0.06         | 0.1          | 0.1          |                  |                               |       |
| XX 01 02 11 03 - Kumitati <sup>35</sup>                                                                                      |              |              |              |              |                  |                               |       |
| XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet                                                                                 |              |              |              |              |                  |                               |       |
| XX 01 02 11 05 –Sistemi ta' informatika                                                                                      |              |              |              |              |                  |                               |       |
| <b>2 Nefqa Oħra ta' Ġestjoni Totali (XX 01 02 11)</b>                                                                        | p.m.         | 0.06         | 0.1          | 0.1          |                  |                               |       |
| <b>3 Nefqa oħra ta' natura amministrattiva</b> (speċifika inkluża referenza għal-linja tal-baġit)                            |              |              |              |              |                  |                               |       |
| <b>In-nefqa Amministrattiva Totali, għajr ir-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)</b> | p.m.         | 0.06         | 0.1          | 0.1          |                  |                               |       |

<sup>35</sup> Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.

Kalkolu - *Infiq amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*